MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2007

Numru 103/2007

Il-Pulizija
(Sp Daniel Zammit)
vs
Alexian Cachia, iben Paul, imwieled Pieta' fid-19 ta' awissu, 1979

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fid-9 ta' diċembru, 2006 għal ħabta tas-7.00 p.m. ikkometta serq minn ġewwa St. Albert College, Old Bakery Street, Valletta għad-dannu ta' l-istess kulleġġ u id-diriġenti tiegħu, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-persuna;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamel ħsara fl-imsemmi kulleġġ, liema ħsara hi ta' aktar minn ħamsin lira maltin (Lm50) għad-dannu ta' l-istess kulleġġ u id-dirirġenti tiegħu;

3. talli fil-11 ta' diċembru, 2006, ġewwa l-għassa tal-pulizija tal-Belt, Valletta, bil-qerq ħoloq jew ġiegħel li donnu hemm fatt jew ċirkostanza, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanza jkunu jistgħu 'il quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, bil-ħsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta' reat;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi ddenunzja lill-pulizija esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq ħoloq it-traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar;
5. talli sar reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tinbidel, kif ukoll bi ksur tal-probation skond l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta fejn kien ġie misjub ħati b'sentenza ta' l-istess Qorti u liberat bil-kondizzjonijiet kontemplati fl-istess artikolu.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' frar, 2007 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-ammont misruq hu ta' seba' mitt lira maltin (Lm700) u li l-imputat obbliga ruħu li jrodd lura.
Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' frar, 2007 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjon u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(d), 263, 264, 267, 268(a), 278(1)(2)(3), 325(1)(b), 110, 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-ħruġ ta' Probation Order għal żmien tlett snin mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta' Lm700 lil St. Albert College fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------